Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2168(INI)

16.10.2025

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar kooperazzjoni msaħħa UE-Kanada fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali, inkluż it-theddid għall-istabbiltà ekonomika u s-sovranità tal-Kanada
(2025/2168(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Tobias Cremer

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 9

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar kooperazzjoni msaħħa UE-Kanada fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali, inkluż it-theddid għall-istabbiltà ekonomika u s-sovranità tal-Kanada
(2025/2168(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra[1], iffirmat fit-30 ta’ Ottubru 2016 u applikat b’mod proviżorju mill-1 ta’ April 2017,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra[2], li daħal fis-seħħ b’mod proviżorju fil-21 ta’ Settembru 2017,

– wara li kkunsidra s-Sħubija Diġitali UE-Kanada u l-Alleanza Ekoloġika UE-Kanada, li ġew varati fit-23 ta’ Novembru 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Kanada intitolata “Joint Statement: Enduring Partnership, Ambitious Agenda” (Dikjarazzjoni Konġunta: sħubija dejjiema, aġenda ambizzjuża), adottata waqt is-Summit UE-Kanada li sar Brussell fit-23 ta’ Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, iffirmata waqt is-Summit UE-Kanada li sar fit-23 ta’ Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-istrateġija diplomatika u l-kooperazzjoni ġeopolitika tal-UE fl-Artiku[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi, f’kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat minn rivalità dejjem akbar tal-potenzi l-kbar, volatilità politika u tibdil fil-klima li qed iseħħ b’ritmu dejjem aktar mgħaġġel, l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għandhom interess komuni u akbar biex japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom u jiddefendu l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

B. billi l-UE u l-Kanada huma sħab strateġiċi magħqudin fil-konvinzjoni tagħhom li d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni multilaterali

[1] ĠU L 329, 3.12.2016, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2016/2118/oj.
[2] ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2017/37/oj.
[3] It-test mistenni jiġi adottat f’Novembru 2025.

huma ta’ benefiċċju għas-soċjetà Kanadiża u Ewropea u għall-komunità internazzjonali u għalhekk għandhom jiġu difiżi minn alleanzi globali ta’ sħab tal-istess fehma;

C. billi kooperazzjoni effikaċi bejn l-UE u l-Kanada, ibbażata fuq tmexxija u responsabbiltà konġunti, hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, pereżempju l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-gwerra ibrida tar-Russja kontra s-soċjetajiet demokratiċi, il-kompetizzjoni ġeopolitika fl-Artiku, l-assertività dejjem akbar taċ-Ċina, il-volatilità dejjem akbar tal-politika barranija tal-Istati Uniti, it-tibdil fil-klima u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani;

D. billi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kanada fl-oqfsa eżistenti hija essenzjali biex tiġi ppreservata u msaħħa l-prosperità għaż-żewġ partijiet; billi fost l-eżempji ta’ din il-kooperazzjoni essenzjali hemm il-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika, kif ukoll l-ambizzjonijiet komuni biex jiġu indirizzati l-isfidi bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali;

E. billi l-Kanada, permezz tal-impenn tagħha favur appoġġ fit-tul għall-Ukrajna u tar-rwol qawwi ta’ tmexxija tagħha matul il-Presidenza tagħha tal-G7, uriet li hija sieħba strateġika tal-UE u alleata affidabbli fin-NATO;

F. billi l-potenzjal tal-istrumenti eżistenti ta’ kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kanada jrid jiġi sfruttat bis-sħiħ u s-sħubija UE-Kanada trid tissaħħaħ bil-qawwa biex nopponu flimkien il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reviżjoniżmu tal-atturi ġeopolitiċi, il-kampanji tal-gwerra ibrida li qed jiħraxu kontra s-soċjetajiet demokratiċi, it-tibdil fil-klima u l-isfidi għall-ordni kummerċjali globali;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà:

Is-sħubija UE-Kanada: qafas istituzzjonali

(a) jaħtfu dan il-mument ta’ sfidi komuni bħala opportunità biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tas-Sħubija Strateġika UE-Kanada u jieħdu r-relazzjoni f’livell ġdid biex isegwu interessi u valuri komuni f’kuntest globali li qed jinbidel malajr;

(b) jimmassimizzaw l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw malajr il-konklużjonijiet tas-Summit UE-Kanada tat-23 ta’ Ġunju 2025, billi jieħdu miżuri konkreti ħalli jagħmlu progress tanġibbli fl-oqsma indikati fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża;

(c) jintensifikaw id-djalogi fuq diversi livelli, inklużi summits u inizjattivi konġunti, kif ukoll il-formati ta’ kooperazzjoni fit-tul fil-livell operattiv biex japprofondixxu l-kooperazzjoni u jindirizzaw b’mod konġunt l-isfidi globali;

(d) jappoġġjaw rwol aktar b’saħħtu għad-djalogu parlamentari fis-sħubija strateġika; josservaw li l-Kanada tgawdi mill-istatus ta’ osservatur fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa; jitolbu li l-kooperazzjoni fil-livell parlamentari tissaħħaħ u lill-Kunsill tal-Ewropa jistieden regolarment lill-Kanada għal-laqgħat interparlamentari bħala osservatur;

Kooperazzjoni fil-politika estera u ta' sigurtà

(e) iżidu l-kooperazzjoni mal-Kanada biex jirrispondu għat-theddid imminenti għas-sigurtà tas-soċjetajiet tagħna, pereżempju l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-attakki ibridi u l-indħil fis-soċjetajiet demokratiċi taż-żewġ naħat tal-Atlantiku, l-assertività taċ-Ċina, il-volatilità dejjem akbar tal-politika barranija tal-Istati Uniti, il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani;

(f) jistabbilixxu pjan direzzjonali biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-impenji meħuda fl-ambitu tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża, li joffri qafas politiku koerenti għall-isforzi konġunti f'dan il-qasam fil-kuntest ta' inizjattivi li jikkomplementaw il-kooperazzjoni tal-partijiet fi ħdan in-NATO, pereżempju l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) u l-Pjan ReArm Europe;

(g) ikomplu jibnu fuq l-appoġġ tal-UE u tal-Kanada għas-sovranità, għall-indipendenza u għall-integrità territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-impenn kondiviż biex ifornu assistenza politika, militari, finanzjarja u umanitarja fit-tul, fost affarijiet oħra, billi jaħdmu b'mod konġunt biex joħolqu alleanza internazzjonali b'saħħitha favur l-użu tal-assi sovrani Russi mblukkati;

(h) jikkoordinaw mal-Kanada u ma' sħab oħrajn is-sanzjonijiet fil-konfront tar-Russja u l-iżolament diplomatiku ta' din tal-aħħar;

(i) jirrieżaminaw u jżidu l-kooperazzjoni mal-Kanada biex jiġġieldu kontra t-theddid tal-gwerra ċibernetika u tal-gwerra ibrida u jikkuntrastaw l-attivitajiet destabbilizzanti u d-diżinformazzjoni;

(j) isaħħu l-koordinament bejn l-UE u l-Kanada biex jindirizzaw l-isfidi multidimensjonali maħluqa mit-tkabbir u mill-assertività taċ-Ċina;

(k) jaħdmu mal-Kanada favur paċi ġusta u dejjiema fil-Lvant Nofsani bis-saħħa ta' soluzzjoni negozjata ta' żewġ Stati; jintensifikaw il-kooperazzjoni biex jiżguraw li tingħata għajnuna umanitarja liċ-ċivili f'Gaża, u jappoġġjaw l-isforzi diplomatiċi u operattivi kollha mmirati li jsaħħu l-istabbiltà reġjonali komprensiva;

(l) jistabbilixxu djalogu semestrali fil-qasam tal-politika barranija biex jippermettu kooperazzjoni strateġika dwar il-kwistjonijiet l-aktar prijoritarji;

Tisħiħ tal-multilateraliżmu

(m) ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni mal-Kanada biex jiddefendu l-multilateraliżmu bil-għan li jirrispondu b'mod konġunt għar-realtajiet ġeopolitiċi emerġenti u perikoluży li jolqtu l-valuri, l-interessi u s-sigurtà komuni tagħna;

(n) isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kanada fil-fora multilaterali billi jikkoordinaw il-pożizzjonijiet, jallinjaw l-inizjattivi u jikkollaboraw biex jiddefendu l-valuri komuni;

(o) jikkollaboraw biex iħarsu r-rwol u l-funzjonament essenzjali tal-istituzzjonijiet multilaterali, pereżempju n-Nazzjonijiet Uniti, il-G7, il-G20 u n-NATO;

Kooperazzjoni fl-Artiku

(p) jesprimu t-tħassib tagħhom bil-militarizzazzjoni tal-Artiku, u jikkollaboraw mal-Kanada biex jippreservaw l-Artiku bħala reġjun ta' paċi, stabbiltà u kooperazzjoni skont id-dritt internazzjonali;

(q) jaħdmu mill-qrib mal-Kanada biex iħarsu l-awtonomija ta' Greenland u l-kapaċità ta' azzjoni tal-poplu ta' Greenland, fil-kuntest tal-interess ġeopolitiku dejjem akbar fl-Artiku;

(r) isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE, il-Kanada, id-Danimarka u Greenland, abbażi tal-ftehim storiku li ntlaħaq biex isolvi paċifikament it-tilwim dwar il-fruntieri li ilu żmien twil;

Kummerċ tal-oġġetti, tas-servizzi, kummerċ diġitali u investimenti

(s) jippromwovu l-vantaġġi tas-CETA fi ħdan l-Istati Membri u l-UE, li jinkludu, fost oħrajn, iżjed aċċess għas-suq, semplifikazzjoni tal-kummerċ u tnaqqis tal-ostakli għall-SMEs;

(t) jistiednu lill-10 Stati Membri li għadhom ma rratifikawx is-CETA biex jagħmlu dan malajr, inkwantu huwa sinjal politiku importanti qabel l-10 anniversarju, fl-2027, tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu;

Żvilupp globali

(u) jiżguraw koordinament mill-qrib mal-Kanada biex jgħinu jagħlqu l-lakuni kritiċi, isaħħu l-oqfsa multilaterali ta' żvilupp, jippromwovu l-żvilupp sostenibbli u s-sħubijiet internazzjonali inklużivi, kif ukoll iżommu l-appoġġ lis-soċjetà ċivili u għar-reżiljenza demokratika;

Edukazzjoni, riċerka, rabtiet interpersonali

(v) jagħtu malajr segwitu lill-impenn biex japprofondixxu l-kooperazzjoni fl-oqsma mar-rabtiet interpersonali, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-appoġġ għall-politiki inklużivi u l-qafas tas-Sħubija Diġitali UE-Kanada;

(w) iżidu r-reżiljenza tas-soċjetà billi jisfruttaw l-assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa, filwaqt li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka, jaġevolaw il-mobbiltà trans-Atlantika taż-żgħażagħ għal skopijiet ta' xogħol, ta' studju u ta' volontarjat u jeżaminaw ulterjorment l-opportunitajiet ta' kuntatti interpersonali u ta' skambju ta' studji, abbażi tal-Erasmus u tal-Erasmus+;

Osservazzjonijiet konklużivi

(x) ikomplu jibnu sħubija tassew bejn partijiet ugwali mal-Kanada, abbażi tal-fiduċja, tal-valuri kondiviżi u tal-interessi komuni;

(y) jippromwovu l-involviment f'inizjattivi ta' kooperazzjoni mhux biss mal-gvern ċentrali tal-Kanada, iżda wkoll mal-awtoritajiet provinċjali tal-pajjiż u mal-organi rilevanti l-oħra;

°

° °

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-sħubija bejn l-UE u l-Kanada tissejjes fuq valuri komuni u impenn kondiviż favur id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli u l-istat tad-dritt. Fid-dawl tal-instabbiltà globali dejjem akbar u tal-bosta sfidi li għandhom quddiemhom l-UE u l-Kanada, ir-rapport jissottolinja l-bżonn li tissaħħaħ ulterjorment is-sħubija UE-Kanada u li jingħata segwitu lir-riżultati tas-Summit UE-Kanada tat-23 ta' Ġunju 2025 permezz ta' miżuri konkreti mmirati biex isaħħu l-kooperazzjoni f'oqsma fundamentali, pereżempju l-kummerċ, il-kompetittività u r-reżiljenza, is-sigurtà trans-Atlantika, l-edukazzjoni u r-riċerka u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu żviluppati l-kooperazzjoni f'oqsma li għadhom mhumiex indirizzati bis-sħiħ fis-sħubija UE-Kanada, pereżempju t-tisħiħ tar-rabtiet interpersonali, il-kultura u ż-żgħażagħ, u l-appoġġ għall-politiki inklużivi għal kulħadd.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Mission of Canada to the European Union

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).